

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-6 ta' Ottubru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte – l-Italja) – Tecnoedi Costruzioni Srl vs Comune di Fossano

(Kawża C-318/15) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Direttiva 2004/18/KE — Artikolu 7(c) — Ammont tal-limiti għall-kuntratti pubbliċi — Limitu mhux milħuq — Offerti anormalment baxxi — Esklużjoni awtomatika — Diskrezzjoni tal-awtorità kontraenti — Obbligi tal-awtorità kontraenti li jirriżultaw mil-libertà ta' stabbiliment, mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi u mill-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni — Kuntratti li jistgħu jkollhom interess transkonfinali ċert)

(2016/C 441/03)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tecnoedi Costruzioni Srl

Konvenut: Comune di Fossano

Dispożittiv

It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale amministrativo regionale per il Piemonte (qorti amministrattiva reġjonali tal-Piemonte) permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' April 2015 hija inammissibbli.

⁽¹⁾ ĠU C 311, 21.9.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-5 ta' Ottubru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hessisches Finanzgericht – il-Ġermanja) – TMD Gesellschaft für transfusionsmedizinische Dienste mbH vs Finanzamt Kassel II – Hofgeismar

(Kawża C-412/15) ⁽¹⁾

[Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tassazzjoni — Taxxa fuq il-valur miżjud — Direttiva 2006/112/KE — Eżenzjonijiet favur ċerti attivitajiet ta' interess ġenerali — Artikolu 132(1)(d) — Kunsinni ta' organi, ta' demm u ta' ħalib umani — Portata — Plażma ta' demm uman ipproċessata u użata għal finijiet industrijali]

(2016/C 441/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Hessisches Finanzgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: TMD Gesellschaft für transfusionsmedizinische Dienste mbH

Konvenut: Finanzamt Kassel II – Hofgeismar